MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tat-8 ta' Gunju, 2005

Avviz Numru. 244/2005

**Bank of Valletta p.l.c. [C-2833]**

**vs**

**Saviour u Teresa Gauci**
**[I. D. Nri. 112846M u 279145M]**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, mija u tmienja u disghin lira Maltin u erbatax-il centezmu (Lm3,198.14) bilanc ghad-debitu fil-"Loan Account" ta' Saviour u Teresa mizzewgin Gauci mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "A") flimkien ma' l-imghax ulterjuri mill-15 ta' April, 2005 sal-jum tal-pagament effettiv, liema "Loan Account" gie moghti lill-konvenuti permezz ta' skrittura privata datata 31 ta' Awissu, 2000 (Dok. "B").

U dan wara li gie dikjarat illi sehhew wahda jew aktar mill-grajjiet imsemmija fl-iskrittura privata fuq indikata u cioe' Dok. "B" partikolarment, imma mhux esklussivament, billi l-konvenuti Saviour u Teresa mizzewgin Gauci (a) naqsu milli jhallsu l-pagamenti dovuti lis-socjeta' mittenti kif stipulat fl-imsemmija skrittura privata, u (b) kienu inadempjenti f'obbligi ohra minnhom assunti fl-istess skrittura privata sopraindikata, u/jew (c) hemm bidliet materjali fic-cirkostanzi ta' l-istess konvenuti li jipperikolaw jew jaffettwaw hazin il-possibilita' tal-hlas lura ta' l-imsemmi debitu dovut lis-socjeta' attrici u b'hekk il-konvenuti ddekadew mill-beneficcju tat-terminu u l-imsemmi debitu sar dovut fl-intier tieghu f'daqqa.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali datata 13 ta' Gunju, 2003 (Dok. "C") u tal-Mandat ta' Sekwestru u Qbid li gie pprezentat kontestwalment ma l-Avviz ghas-smiegh, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenuti naqsu u ma dehrux, la fl-1 ta' Gunju, 2005, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------